MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1198/2010

**Andrew Cilia**

**vs**

**Lourdes Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tad-19 ta’ Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) miet Antonio Cilia, skont ma jirrizulta mic-certifikat tal-mewt li qed jigi anness u markat Dokument A.

2) Illi mir-ricerki maghmula fir-Registru Pubbliku u fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Guridizzjoni Volontarja), li qed jigu mmarkati komplessivament bhala Dokument B, irrizulta illi l-ahhar testment tat-testatur kien dak sigriet tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument C, u precedentement ghalih, it-testatur kien ghamel testment pubbliku fit-8 ta' April 2004, li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument D.

3) Illi l-kontendenti huma l-unici ulied tad-defunt Antonio Cilia, u fit-testment tat-8 ta' April 2004, gew nominati bhala l-eredi universali tieghu.

4) Illi izda fit-testment sigriet tat-12 ta' Jannar 2006 inghad illi :

"It-testatur jiddikjara li huwa kkunsinna lil ibnu Andrew is-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) biex izommhomlu b'titolu ta' depozitu, minn liema somma l-imsemmi Andrew raddlu lura elf lira (Lm1,000) biss.

It-testatur irid u jordna li din is-somma tingieb lura fil-massa ereditarja ghall-finijiet ta' kollazzjoni.

It-testatur irid u jordna wkoll li mal-bejgh tad-dar numru sittin (60), Vjal il-Helsien. Haz-Zebbug, bintu tiehu sehmha mis-somma msemmija u li jifdal jinqasam bejn iz-zewg uliedu, u cioe minn sehem it-testatur bintu Marica Lourdes tiehu disat elef u hames mitt lira (Lm9,500) u mbaghad dak li jifdal jinqasam daqsinsew bejn l-istess Maria Lourdes u huha Andrew - bis-sostituzzjoni volgari f'kaz ta' premorjenza ghat-testatur."

5) Illi mhuwiex minnu li t-testatur iddepozita somma ta' Lm20,000 ghand ir-rikorrent biex dan izommhomlu, jew li r-rikorrent radd lura Lm1,000 minn din is-somrna. It-testatur ma ddepozita l-ebda somma, la Lm20,000 u lanqas centezmu ghand ir-rikorrent, u ovvjament, ir-rikorrent ma rrifonda xejn lit-testatur.

6) Illi t-testatur Antonio Cilia kien imgieghel jaghmel id-disposizzjonijiet testamentarji minn dik ir-raguni illi hu kien kreditur tar-rikorrent ghaliex kien fdalu somma flus bhala depozitu, raguni li hi ghal kollox falza ghaliex it-testatur qatt m'ghadda dik is-somma lir-rikorrent.

7) Illi dan id-debitu kien inezistenti u t-testatur ghamel dak it-testment bi zball u fl-erroneja opinjoni li hu kien rejalment kreditur tar-rikorrent, mentri tali ma kienx.

8) Illi ghalhekk it-testment sigriet ta' Antonio Cilia tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) hu null u minghajr effett u kellha ssir din il-kawza ghall-impunjazzjoni tieghu.

9) Illi l-intimata minkejja li interpellata u mgharrfa li ser issir din il-kawza, baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-disposizzjonijiet tat-testment sigriet tat-12 ta' Jannar, 2006 t'Antonio Cilia huma bbazati fuq raguni falza a norma tal-artikolu 685(1) tal-Kodici Civili.

2) Tiddikjara b'konsegwenza illi l-imsemmi testment sigriet huwa null u minghajr effett u, inoltre, li s-successjoni tal-istess Antonio Cilia ghandha tibqa' regolata bit-testment pubbliku precedenti tieghu tat-8 ta' April 2004.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

1. Illi, qabel xejn u preliminarjament, l-esponenti tirrileva illi r-rikorrent Andrew Cilia qatt ma seta' jipproponi guridikament din l-azzjoni u dana billi hu gja wettaq 'atto di erede' ai fini u effetti kollha tal-ligi u dana hekk kif lesta illi tipprova l-esponenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna. Ghalhekk hu accetta l-wirt fit-totalita tieghu;

2. Illi l-esponenti tiddefendi ruhha billi ssostni illi t-testment sigriet datat 12 ta' Jannar 2006 huwa wiehed assolutament validu u skont il-ligi u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn dan ghandu jigi mpunjat;

3. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-seuspost, m'huwa minnu xejn dak li qed jikkontendi r-rikorrent Andrew Cilia li l-flus ma gewx avvanzati lilu mid-defunt u dana hekk kif l-esponenti lesta illi tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

4. Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-linji difensjonali suindikati, sta ghar-rikorrenti li jipprova f'dina l-kawza li d-dispozizjonijiet testamentari m'ghandhom l-ebda effett a tenur ta' dak kollu li jinghad fl-artikolu 685 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Andrew Cilia xehed li darba missieru kien semma ma' ommu li hu kellu jaghtih Lm100,000 u ghalkemm kien ikkonfrontah ghax ma kienx vera, missieru baqa' jsostni l-posizzjoni tieghu, izda biex ma jkabbarx l-affarijiet halliha ghaddejja ghax induna li missieru kien qed ihawwad minhabba l-eta tieghu. Darba ohra kien rega' qal lil ommu li kellu jaghtih Lm60,000 u ommu reghet qaltlu b'dan. Rega' kkonfronta lil missieru izda l-istess missieru baqa' jinsisti li kellu jaghtih dik is-somma. Missieru ma kellux minn fejn jaghtih dawk is-somom li semma. F'okkazzjoni ohra semma li kellu jaghtih Lm30,000 u regghu l-istess. Ommu kienet taf li missieru kien qed ihawwad ghax qatt ma kellu dawk il-flus. Imbaghad fil-28 ta' Jannar 2003 gie mitlub jirrifondi lil missieru s-somma ta' Lm19,000 permezz ta' ittra legali li kienet inbaghtet f'isem missieru u ommu min Dr. Lucuiano Busutill. Meta kellem lil ommu dwar din l-ittra, hija qaltlu li lanqas kienet taf bl-ittra. Meta kellem lil missieru dana baqa' jinsisti biex jaghtih il-flus li talbu. L-avukat rega' kiteb fl-istess sens f'Marzu 2003. Hu ghalhekk kien mar ma' ommu ghand Dr. George Abela u fil-presenza ta' ibnu Dr. Robert Abela, hija qaltlu li hi ma kelliex x'taqsam mal-ittra u li zewgha ma kellux dawk il-flus. Imbaghad kienu gew il-pulizija u nvestigawh izda ma kien irrizulta xejn minn dak li beda jallega missieru u ma kienux hadu passi kontra tieghu. L-affarijiet imbaghad ikkalmaw. Ommu mietet fid-9 ta' Marzu 2004. Hija u missieru kienu ghamlu testment fil-1982 u hallew lilu u lil ohtu eredi indaqs. Fit-18 ta' Marzu 2004 missieru kien ittiehed jaghmel testment ghand in-Nutar Mark

Anthony Sammut u dana jafu ghax xi granet wara missieru kien qallu li ohtu kienet haditu ghand in-Nutar biex jippreferi lilha u lill-familja taghha. Hu kien kellem lil ohtu fuq hekk. Kien anke kiteb ittra bl-avukat lil ohtu biex ma tkomplix tghid diskors fis-sens li hu kellu jaghti xi flus lil missieru. Kienu marru kollha ghand in-nutar Sammut u missieru talab lin-nutar biex jaghmel kollox kif kien, cioe biex hu u ohtu jaqsmu nofs bin-nofs wara mewtu. Fil-fatt missieru kien ghamel testament f'dan is-sens fit-8 ta' April 2004. Missieru kien beda sejjer lura u d-dementia bdiet tizdied. Hu gie rikoverat l-Isptar Zammit Clapp ghar-riabilitazzjoni wara li kiser il-hip. It-tfal ta' ohtu bdew jhedduh biex ma jgieghelx lil missieru jibdel it-testment ghalkemm missieru kien ried jaghmel hekk. Imbaghad dahhal lil missieru San Vincenz ghax ma kienx ta' wahdu. Meta miet missieru kien mar ghand in-nutar Tanya Farrugia biex jaghmlu id-denunzja. In-nutar kienet qaltlu li l-ahhar testment ta' missieru kien dak tat-8 ta' April 2004. Ghalhekk kien ghamel il-causa mortis fuq il-post ta' Haz-Zebbug. Granet wara n-nutar Farrugia infurmatu li missieru kien ghamel testment sigriet. Ighid li dak li hemm fit-testment sigriet huwa falz ghax missieru qatt ma tah l-ebda Lm20,000 u hu qatt ma hallsu lura Lm1,000.

Fuq kontroezami wiegeb li missieru barra xoghol ta' kennies, kellu introjtu minn xoghol iehor biex ihallas id-dejn fuq id-dar. Cahad li meta bena d-dar tieghu hu kien issellef flus minghand il-genituri tieghu. Huma qatt ma tawh flus. Ighid li d-dementia fuq missieru kienet mhux biss fl-ahhar ta' hajtu imma anke meta kienet hajja ommu. L-ewwel li missieru dahal San Vincenz kien ghax ried hu billi kien dejjem bl-inkwiet ma' ommu. Imbaghad hareg wara erbat ijiem ghax ried hu billi omm Cilia naqsitlha l-pensjoni. Hu kien ircieva ittra bl-avukat biex ihallas Lm19,000 u ma nkitbux ittri ghall-ammonti ta' Lm100,000, Lm60,000 jew Lm30,000. Hu hareg boarded out fl-2000/2001. Qabel kien jahdem bhala supervisor mal-General Plastics. Meta ohtu hadet lil missieru ghand in-Nutar u halliha l-kamra ta' wara l-garaxx, hu ma semmiex l-Lm20,000 li qed ighidu li kellu jaghtih (fol. 224), Meta kienu marru biex jergu jaghmlu kollox kif kien qabel, missieru kien bezghan ghax kien se ihalli l-inkwiet warajh.

In-nutar Tania Farrugia xehdet li kienet ghamlet ir-ricerki u causa mortis ta' Antonio Cilia ghan-nofs indiviz spettanti lil attur. Imbaghad kien cempillha n-nutar Roland Wedge u infurmaha li Antonio Cilia kien ghamel testament sigriet ukoll fejn deher li l-attur kellu jirrifondi Lm19,000.

L-intimata Maria Lourdes Scicluna xehdet li missiera kien kennies mal-Gvern u kien ukoll jixtri u jbiegh haxix, hut u bajd. Il-ġenituri taghha ftit li xejn kienu jpoggu l-flus il-bank izda kienu jzommu l-maggor parti tal-flus d-dar. Meta mietet ommhom, l-attur kien gab Lm3,000 mill-fridge u kienu qasmuhom. Missiera ma kien ha xejn ghax kien jibza mill-attur. Missiera kien silifha Lm2,030 u anke dawn il-flus kien gabhom mid-dar. Hija kienet isselfet ukoll flus minghand omma biex tixtri l-post fejn toqghod u anke dawn il-flus gabithom mid-dar. Kif ghamlu maghha, il-genituri taghha kien ghamlu l-istess ma' huha u selfuh il-flus ukoll. Dwar id-dementia tghid li missierha fl-ahhar ta' hajtu kien marad u dahal San Vincenz. Fis-sena 2001 kien dahal l-ewwel darba hemm imma rega hareg wara ftit granet u mar lura jghix ma' omma. Missiera qallha li qabel ma dahal San Vincenz l-ewwel darba hu kien halla Lm20,000 mal-attur biex izommomlu sakemm idum l-Isptar biex ma jinsterqux. Dan id-diskors qalulha missierha wara li hareg mill-Isptar u kien talab lill-attur biex iroddlu lura l-flus izda dana radd lura biss Lm1,000. Omma kienet irrabjata hafna ghax l-flus kienu taghha ukoll. Missiera kien qallha li kien se jirrimedja b'xi mod. Tichad li missiera kien isemmi ha:fua cifri. Hu dejjem ghamel referenza ghal cifra wahda ta' Lm19,000. Wara hafna pressjoni fuq missiera mill-attur, dan sar jaf li hu kien ghamel testment fit-18 ta' Marzu 2004 (Dok. LS5 a fol. 221), fejn kien halla xi haga lil binha Noel u semma ukoll il-kwistjoni tal-Lm20,000. Din kienet ix-xewqa ta' missiera u huma ma kienu ghamlu ebda pressjoni fuqu. Minhabba f'hekk missiera gie mgieghel mill-attur biex jaghmel testment iehor datat 8 ta' April 2004 (Dok. LS6 a fol. 223), fejn halla kollox lilha u lill-attur indaqs. Hi ma ndahlet xejn fuq dana la darba kienet il-volonta ta' missiera li jaghmel hekk ghalkemm dak inhar missiera kien imbezza mill-attur tant li ghamel pipi tahtu. Missiera xorta wahda ma kellux kwiet billi ried li hija tiehu sehmha minn dawk il-flus li kien ta lil huha. Missiera kien iffirma kostituzzjoni ta' debitu (Dok. LS7 a fol. 224), fejn wara li gie certifikat bhala fi stat mentali tajjeb iddikjara li qabel ma gie rikoverat fl-Isptar San Vincenz (l-ewwel darba) hu kien ikkunsinna b'titolu ta' depozitu lil ibnu l-ammont ta' Lm20,000 minn liema ammont l-attur radd lura biss l-ammont ta' Lm1,000. Hu kkostitwixxa ruhhu bhala veru debitur ghall-ammont ta' Lm9,500 a favur taghha u ghamel ipoteka specjali favuriha fuq nofs il-post ta' Haz-Zebbug. Missiera imbaghad ghamel testment sigriet datat 12 ta' Jannar 2006 fejn kien irrexxinda l-ahhar testment tieghu u rega dahhal il-klawzola li kien hemm dwar Lm20,000. Missiera rega ddahal San Vincenza fl-2010.

Fuq kontroezami wiegbet li meta l-attur tefa' lil missiera l-Imgieret l-ewwel darba hu kien hadlu l-flus skont kif qallha missiera. Hi kienet qaltu li messhu qasam il-flus bejn it-tnejn ghax hi kienet bintu wkoll. Missiera qalilha li kien se jiktibhomlha fit-testment ghax l-attur ma riedx jerga jirritomalu l-flus. Missiera kien qallha li l-attur kien iggieled mieghu ghax kien talbu l-flus. Lill-missiera kien qaltlu: "Tajtu kollox ujien mhux tieghek ukoll.' Hu qalilha: 'Jien mhux

tajtomlu, hadomli'. Qallilha: 'Issa nahseb fik jien, niktibomlok fit-testment'. Kienet sar il-kostituzzjoni ta' debitu. Meta omma kienet ghadha hajja kienet qalet li kellha dritt ghal dawk il-flus u mhuxjohodhom l-attur.

In subizzjoni, mistoqsija kif huha kien accettat l-wirt, hija wiegbet li huha ma qasam xejn mill-wirt ta' missiera u ma ha u lanqas bieghu xejn mid-dar. Ghadu ma nqasam xejn. Fit-13 ta' Mejju 2010 huha kien talabha biex tiffirma karta biex igibu flus minbarra (Dok. a fol. 25).

John Scicluna, ir-ragel tal-intimata, kkonferma dak li qalet martu. Qal li kienu ssellfu Lm2,030 minghand Antonio Cilia (ara Dok. LS3) u dawn il-flus, Cilia kien gabhom mid-dar. Huma kienu hallsu lura dawn il-flus. Kienu sselfu wkoll l-flus minghand ommhom biex xtraw id-dar u hallsuha lura kollox. Ikkonferma li Antonio Cilia kien qallu li kien ta Lm20,000 lill-attur qabel dahal San Vincenz u li kien hallsu lura somma zghira biss. Antonio Cilia qatt ma semma sommon ohra hlief l-Lm20,000.

In-nutar Mark Anthony Sammut ikkonferma li kien ghamel it-testmenti u l-kostituzzjoni ta' debitu ta' Antonio Cilia. Dan kien ghamel testment sigriet u gie traskritt skont ma ddettalu t-testatur u gie depozitat il-Qorti. Cilia kien compos mentis meta ffirma dawn l-atti u dan gie wkoll konfermat mit-Tabib Chris Muscat li ezaminah. Il-verzjoni ta' Cilia kienet li huwa kien ta lil ibnu Andrew Cilia ammont ta' flus sabiex inzommhom bhala depozitu pero dawn qatt ma ntraddewlu lura. Cilia ma kienx tah l-impressjoni li kien ibati bid-dimenzja meta ghamel dawn l-atti. Hu kien jinstema konvincenti u rrakkonta l-problemi li kellu ma' ibnu. L-impressjoni tieghu kienet li Cilia kien qed ighid il-verita u qed ighid l-affarijiet kif inhuma bla ma jlaqlaq imma kien determinat. Cilia kienjibza hafna minn ibnu tant li f'okkazzjoni minnhom kien ghamel tahtu fuq is-siggu tal-ufficcju tieghu. Minhabba dina l-biza kellha tintuza s-soluzzjoni tat-testment sigriet.

Fuq kontroezami wiegeb li meta Antonio Cilia kien ghamel il-pipi tahtu fl-ufficju tieghu dan gara ghax kien jibza mir-rikorrent u mhux ghax kien jibza’ mill-intimata. Ma kien hemm xejn x'jindika li kien qed jibza minnha. It-testatur ma kienx tah raguni ghaliex kien biddel it-testrnent tat-18 ta' Marzu 2004 fejn ma regax semma l-Lm20,000. Kien Antonio Cilia stess li kien qallu minn xiex ghaddej, li halla l-Lm20,000 ghand ibnu u li dana ma raddhomx lura u li

kien jibza minn ibnu. Hu spjega li meta saret il-kostituzzjon ta' debitu hu kien ta l-gurament lil Cilia u widdbu li kellu jghid l-verita. Qallu li jekk ighid kelma b'ohra, u hu assuma li Cilia kien ragel religjuz, qallu li mhux biss qed jaghmel dnub, imma jaghmel dnub li ma jinhafirx u li jekk jaghlaq ghajnejh l-ghada jinharaq fl-infern. Ikkonferma li la l-kostituzzjoni ta' debitu u lanqas l-ipoteka specjali ma gew insinwati.

Dr. Christian Muscat xehed li kien gie msejjah minn nutar Sammut biex jezamina lil Antonio Cilia u hareg certifikat (ara Dok. LS7 datat 10 ta' Jannar 2006 u LS8 datat 19 ta' Gunju 2006). Hu kien iccertifika li Antonio Cilia kien kapaci jiehu decizjonijiet ghalih innifsu. Hu ma kienx it-tabib kuranti ta' Cilia. Hu kien ezaminah fir-residenza tal-konvenuta. In-nutar ma kienx prezenti. Hu kien ezaminah fizikalment, mentalment u ghamel lista ta' mistoqsijiet li soltu jaghmlu u skont ir-risposta li jghati huwa jasal ghall-konkluzzjoni jekk hux dimenti jew le. It-tifla tieghu kienet urietu l-medicini li kien jiehu.

Dr. Luciano Busutill b’referenza ghaz-zewg ittri a fol. 181-182 xehed li biex kiteb l-ittra ghan-nom tal-konjugi Cilia t-tnejn sinjal li jew gew ghandu t-tnejn jew kellu l-awtorizzazzjoni tal-parti l-ohra, pero m'ghandux idea tal-kaz.

Dr. G. Gulia l-istess xehed li ma jiftakarx il-kaz u lil kjient tieghu Antonio Cilia.

Bernard Zarb xehed li meta kien spettur kien ircieva kwerela minghand Dr. Luciano Busutill ghan nom ta' Antonio Cilia li kien qed jallega li kien afda xi flus ghand ibnu u dana ma tahomlux lura. Kien mar ikellmu d-dar u Cilia kien anzjan u deher daqsxejn konfuz. Cilia qallu li meta kienu se jdahhluh San Vincenz huwa kellu Lm19,000 imgemmghin u tahom li Andrew Cilia biex izommomlu. Wara ftit granet rega’ hareg minn San Vincenz u mar lura d-dar u talab lura l-flus lil Andrew u dana qallu li ma jafx bihom il-flus. Il-flus kien tahomlu cash. Meta kellmu kien hemm il-mara tieghu prezenti izda dina deheret li qisha ma riditx tidhol fil-kwistjoni. Kien kellem lil oht Andrew u dina qaltlu li ma kienet taf b'xejn. Kellem lil Andrew Cilia u dan qallu li ma kienx jaf b'dawn il-Lm19,000. Andrew Cilia kien irrilaxxja statement. Imbaghad hu kien ircieva ittra minghand Dr. G. Gulia li qallu li ma kienx konvint mid-deposizzjoni li seta' jaghti Antonio Cilia. Imbaghad ha parir minghand l-Aukat Generali li

qalihom biex ma jipprocedux aktar bil-kaz. Fuq dan il-kaz kien infetah file. (Dan il-file ma instabx skont ix-xhieda tal-Spettur Gafa ara fol. 198).

Fuq kontroezami wiegeb li ma jafx jekk il-kwerela kinitx saret mill-mara ta' Antonio Cilia ukoli. Lanqas li s-somma mislufa kienet attwalment Lm20,000 u mhux Lm19,000. Hu ma kienx talab li Antonio Cilia jigi ezaminat minn tabib jew biex jaghtuh certifikat meta huwa kellmu. Qal li l-mara ta' Antonio Cilia ma riedetx tmerih lil zewgha li hu qatt ma ghaddilu l-flus (a fol. 300). Hi ma rieditx tidhol fil-bicca. Il-mara ma qalet xejn. Hu ma kienx ha statement ta' Antonio Cilia. Mill-affarijiet li ra ma kien hemm ebda fatt pruvat, la jekk kienux jezistu l-flus u lanqas ghand min marru dawn il-flus.

Dr. Robert Abela xehed li hu qatt ma kellem lil Antonio Cilia u kien kellem lil martu darba l-ufficju. Kienu gew Andrew Cilia u martu, u Antonia Cilia. Andrew Cilia kien gablu ittra datata 17 ta' Marzu 2003 mibghuta mill-Avukat Luciano Busutill ghan nom ta' Anthony u Antonia Cilia li kienet qed taghmel referenza ghal ittra ohra tat-28 ta' Jannar 2003 fejn talbu r-rifuzjoni tas-somma ta' Lm19,000. Antonia Cilia kienet qaltlu li hija qatt ma inkarigat lil Dr. Busutill biex jikteb ghan-nom taghha u li qatt ma marret ghandu. Dwar is-somma ta' Lm19,000 Antonia Cilia qaltlu li hi m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan il-kaz. Hi ma riditx tichad ir-ragel taghha fis-sens li ma riditx tikkontradixxi lir-ragel taghha. Hi qalet li ma tafx bihom dawk il-Lm19,000 u li r-ragel taghha ghandu z-zmien u qed ihawwad.

Audrey Ghigo ghal bank HSBC xehdet li l-attur kellu savings account li infetah fil-15(17)/4/2000 u nghalaq fl-20(24)/1/2003 u kien hemm withdrawal ta' Lm74.70c. Hu kellu fixed account li infetah fid-9/1/1994 u nghalaq fl-10/1/1995. Kien hemm ukoll Lm1,700. Il-joint account infetah fit-28/12/1999 u inghalaq fil-25/2/2000. L-ammont kien ta' Lm2,600 u thallas ghax kien loan account.

Romwald Attard xehed li fil-BOV kien hemm erba kontijiet fuq isem Andrew Cilia u hamsa joint ma' martu. Minn dawn tmienja huma maghluqin u wiehed biss ghadu attiv (fol. 176) u dawn ingibdu f’Jannar 2003.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Oorti**

Ir-rikorrent isostni li dak li hemm fit-testment sigriet ta' Antonio Cilia huwa falz ghax missieru qatt ma kellu u qatt ma tah l-ebda Lm20,000 u li hu qatt ma hallas lura Lm1000 lil missieru. Id-disposizzjonijiet tat-testment sigriet huma bbazati fuq raguni falza a norma tal-artikolu 685(1) tal-Kodici Civili u ghalhekk ir-rikorrent talab li jigi dikjarat minn dina l-Qorti li l-imsemmi testment sigriet huwa null u minghajr effett u, inoltre, li s-successjoni tal-istess Antonio Cilia ghandha tibqa' regolata bit-testment pubbliku precedenti tieghu datat 8 ta' April 2004.

L-intimata preliminarjament wiegbet li l-azzjoni hija guridikament improponibbili billi r-rikorrent wettaq atti d'erede u ghalhekk gie li accetta l-wirt, u fil-mertu li t-testment sigriet huwa wiehed validu u ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan ghandu jigi mpunjat. Il-flus kienu ghaddew minn missiera lir-rikorrent u dawn ma traddewx lura.

Kwantu ghal l-eccezzjoni preliminari li r-rikorrent wettaq atti d'erede u ghalhekk ma setghax jipproponi dina l-azzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehdet l-intimata in subizzjoni fejn qalet li wara li miet missiera huha ma qasam xejn mill-wirt ta' missiera u li huma ma qasmu xejn u ma bieghu xejn mid-dar. Jirrizulta li r-rikorrent kien ghamel il-causa mortis wara li miet missieru billi haseb (kif konfermat min nutar T. Farrugia) li t-testment tat-8 ta' April 2004 kien l-ahhar wiehed tieghu u ma kienx jaf li kien ghamel testment sigriet. Il-Qorti hija tal-fehma li l-prezentata tal-causa mortis, anke f'dawn ic-cirkostanzi, ma tistax tigi kkunsidrata bhala accettazzjoni tal-wirt.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fil-mertu l-Qorti trid tiddeciedi jekk id-disposizzjonijiet tat-testment sigriet huma bbazati fuq raguni falza kif qed jippretendi r-rikorrent.

Illi f'dan il-kaz huwa r-rikorrent li jrid jipprova li d-dispozizjonijiet testamentari ma ghandhom l-ebda effett minhabba raguni falza. Il-principju hu li "onus probanti incumbit ei qui dicit non ei

qui negat". Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawza.

Kif qalet il-Qorti fi-sentenza **Moira Galea vs Michael Zerafa**, App 06/10/2000 (ara wkoll **Middle Sea Insurance plc vs Joseph Galea et**, App 20/01/2003):

> spiss jassumu rilevanza determinanti provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn, bhal dak taht ezami, dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' x'ikun gara.

Illi l-Qorti ghalhekk sejra tezamina d-disposizzjonijiet testamentarji li qed jigu attakkati kif ukoll l-fatti li wasslu sabiex it-testatur ghamel dak it-testment sigriet u senjatament dawk id-disposizzjonijiet partikolari.

Illi fit-testment sigriet datat 12 ta' Jannar 2006 (ara fol. 10) hemm imnizzel hekk:

> It-testatur iddikjara li huwa kkunsinna lil ibnu Andrew is-somma ta' Lm20,000 biex izommhomlu b'titolu ta' depozitu, minn liema somma l-imsemmi Andrew raddlu lura elf lira (Lm1,000) biss.
>
> It-testatur irid u jordna li din is-somma tingieb lura fil-massa ereditarju ghall-jinijiet ta' kollazzjoni.
>
> It-testatur irid u jordna wkoll li mal-bejgh tad-dar numru (60), Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug, bintu tiehu sehema mis-somma msemmija u li jifdal jinqasam bejn iz-zewg uliedu u cioe minn sehem it-testatur, bintu Maria Lourdes tiehu Lm9,500 u mbaghad li jifdal jinqasam daqsinsew bejn l-istess Maria Lourdes u huha Andrew - bis-sostituzzjoni volgari f'kaz ta' premorjenza ghat-testatur.

Illi l-fatti li wasslu biex Antonio Cilia ghamel dawk id-disposizzjonijiet jirrizultaw minn dak li xehdu uliedu fdina l-kawza, u minn provi cirkostanzjali, materjali u fattwali ohra li ser jigu ezaminati minn dina l-Qorti.

Illi qabel ma Antonio Cilia ghamel dana t-testment sigriet, huwa kien ghamel, kostituzzjoni ta' debitu favur bintu l-intimata minhabba l-kwistjoni tal-Lm20,000. Jigi rilevat li meta Antonio Cilia ghamel dina l-kostituzzjoni ta' debitu n-nutar gieghel lil Antonio Cilia jiehu gurament biex jikkonferma il-veracita ta' dak li kien qed jiddikjara u jaghmel. Antonio Cilia kien bniedem anzjan u ma setghax ma japprezzax l-implikazzjoni tal-gurament. Il-Qorti ghandha, aparti l-provi li ressqu l-partijiet, versjoni guramentata ta' Antonio Cilia dwar kif graw il-fatti, u konferma bil-gurament li hu kien ghadda Lm20,000 lil ibnu Andrew li minnhom kien radd lura biss Lm1,000.

Antonio Cilia kien gie wkoll ezaminat mit-tabib, Dr. Chris Muscat li ccertifika li hu kien kapaci jiehu decizjonijiet ghalih innifsu u li ma kienx dimenti imma kien compos mentis. Fil-fatt f’dawn il-proceduri r-rikorrent mhux qed jikkontesta li missieru ma kienx compos mentis.

Fil-kostituzzjoni ta' debitu datata 10 ta' Jannar 2006 (Dok. LS7 a fol. 224) Antonio Cilia semma li kien ghadda Lm20,000 lil Andrew Cilia u li dan ma kienx raddhom lura. Ghalhekk iddikjara ruhhu debitur ta' bintu fis-somma ta' Lm9,500 rapprezentanti nofs is-somma li kienet ikkunsinnata lir-rikorrenti li ma tradditx lura. Dan sar sabiex iz-zewg ulied jaqsmu f'ishma indaqs il-flus tieghu u ta' martu. Antonio Cilia ikkonferma bil-gurament dik id-dikjarazzjoni u disposizzjoni li ghamel.

In-nutar Mark Sammut, ghand min saru t-testmenti u l-kostituzzjoni ta' debitu, spjega li Antonio Cilia kien qallu illi kien jibza minn ibnu (ighid li f’okkazzjoni minnhom dan kien anke ghamel tahtu fuq is-siggu tal-ufficju tieghu; dan gie anke konfermat mill-intimata u zewgha) u minhabba dina l-biza, kellha tintuza s-soluzzjoni tat-testment sigriet li ssuggerixxa n-nutar stess.

Illi skont il-versjoni tal-intimata kollox beda meta Antonio Cilia kien dahall-Isptar San Vincenz u sakemm kien ser jibqa' hemm kien hall a Lm20,000 li kellu d-dar ghand Andrew Cilia biex izommomlu biex ma jisirquhomlux. Wara ftit Antonio Cilia rega' hareg minn San Vincenz u talab lura l-flus lir-rikorrent izda dana ma raddhomx lura hlief ghal Lm1,000. Antonio Cilia ghalhekk kien baghat ittri bl-avukat lir-rikorrent biex jirritorna s-somma ta' Lm19,000 li kien halla ghandu u minn hemm inqala l-inkwiet bejnithom.

Jirrizulta mill-provi li Antonio Cilia ghamel testment pubbliku (Dok. LS5 a fol. 221) fit-18 ta' Marzu 2004 fejn hu (Cilia gie certifikat minn Dr. Chris Muscat li kien compos mentis) hall a garage bhala prelegat lil Noel Scicluna, bin l-intimata u semma s-somma ta' Lm20,000 li huwa kien ta lil ibnu Andrew Cilia. F'dak it-testment Antonio Cilia ighid li hu kien ta' Lm20,000 lil Andrew biex izommomlu izda dan ma raddhomx lura. Ghalhekk hall a b'titolu ta' prelegat lil bintu Maria Lourdes is-somma ta' Lm20,000 sabiex iz-zewg uliedu jkunu hadu ndaqs mill-gid tieghu. Minhabba f'hekk Antonio Cilia kien ezenta lil uliedu mill-obbligu tal-kollazzzjoni.

Ir-rikorrent sar jaf b'dan it-testment (l-intimata tghid li dan gara wara hafna pressjoni fuq missiera mir-rikorrent) u Antonio Cilia kellu jerga jaghmel testament iehor fit-8 ta' April 2004 (Dok. D a fol. 15 fejn dina d-darba Antonio Cilia ma giex certifikat minn tabib) u hatar bhala werrieta universali tieghu lil Andrew u Maria Lourdes indaqs biex b'hekk trangat s-sitwazzjoni krejata bit-testment tat-18 ta' Marzu 2004 li ma kinitx favorevoli ghar-rikorrent.

Illi imbaghad fl-10 ta' Jannar 2006 kienet saret il-kostituzzjoni ta' debitu u fit-12 ta' Jannar 2006 it-testment sigriet in kontestazzjoni.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm ebda raguni falza li gieghlet lil Antonio Cilia jaghmel it-testment sigriet fuq imsemmi. Jidher li r-raguni dejjem kienet, u dan gie konfermat ukoll mill-intimata, zewgha u n-nutar Sammut, li Cilia ried li bintu, l-intimata tiehu sehemha minn dawk il-flus li r-rikorrent kien ha minghajr ma kien intitolat ghalihom. Il-kostituzzjoni ta' debitu u t-testment sigriet saru appuntu biex tigi irrangata dina s-sitwazzjoni u l-intimata tiehu daqs huha.

Illi fix-xhieda tieghu r-rikorrent ried jaghti lil Qorti x'tifhem li missieru kien ibati mid-dimentia u kien ihawwad u li qatt ma kellu dawk il-flus li ssemmew, u lanqas ma kien veru dak li kien qed ighid missieru li kien halla Lm20,000 depozitati ghand ir-rikorrent.

Il-Qorti tirrileva li kien biss ir-rikorrent li semma li missieru kien talbu l-ewwel is-somma ta' Lm100,000 imbaghad Lm60,000, wara Lm30,000. Imkien dina x-xhieda ma giet korroborata minn xi hadd jew minn xi prova ohra. Forsi intuzat bhala lixka biex ir-rikorrent juri li missieru kien ihawwad pero dan id-diskors ma rripetih hadd. Jirrizulta ukoll li l-ittri li nkitbu kienu dejjem u biss dwar id-Lm19,000 u ghal ebda somma ohra.

Ir-rikorrent isemmi ukoll li missieru kien ibati bid-dimentia u dana anke meta ommu kienet ghada hajja. Jekk dana huwa minnu allura kemm it-testment tat-18 ta' Marzu 2004 kif ukoll dak tat-8 ta' April 2004 jistghu jigu kkontestati bhala li jistghu jkunu nvalidi. Izda r-rikorrent fit-talbiet tieghu qed jitlob li s-successjoni ta' Antonio Cilia tibqa' regolata bit-testment pubbliku tieghu tat-8 ta' April 2004 meta, skond hu, suppost kien diga dimenti. Jigi rilevat li meta sar it-testment tat-18 ta' Marzu 2004 Antonio Cilia gie certifikat bhala compos mentis mit-tabib, mentri meta sar it-testment tat-8 ta' April 2004 ma kienx gie hekk certiftkat. Ma setghax kien dimenti f'Marzu imbaghad sar compos f'April.

Ir-rikorrent ighid li missieru qatt ma kellu dawk il-flus li semma. Hu veru u probabbili li missieru qatt ma kellu Lm100,000 u forsi lanqas Lm60,000. Hu ma talabx dawk is-sommom imma Lm19,000. Jirrizulta mill-provi li missier u omm il-partijiet kellhom flus, li kienu izommu d-dar u skont l-intimata kienu jselfuhom il-flus. Hi tghid li l-genituri taghha kienu selfu flus lilha u lil zewgha darbtejn, u tghid ukoll li anke r-rikorrent kien jissellef flus minghandhom. Il-fatt li l-intimata ma kinitx taf li missierha kellu dawk il-flus ghalkemm kienet tkun kuljum ghandu, ma jfissirx li hu ma kellux dawk il-flus. Jirrizulta li d-dar kienet kbira u l-intimata tghid li hija ma kinitx tmur biex tiftahlu l-kaxxen ha tara x'ghandu.

Ir-rikorrent jirreferi wkoll ghall-investigazzjoni li kienet saret mill-pulizija wara l-kwerela li kien ghamel missieru dwar dawn l-Lm20,000. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija ma rrizultalha ebda fatt pruvat, la jekk kienux jezistu dawn il-flus u lanqas jekk il-flus ghaddewx ghand xi hadd u ghalhekk il-pulizija ma komplietx tmexxi bil-kaz. Fuq dan il-kaz kien infetah

file, imma ghal xi raguni dana ma instabx. Inotre l-avukati li kienu qed jirrapprezentaw lil Antonio Cilia ma ftakru xejn. Meta xehed l-ex Spettur Zarb dan ma kellux access ghal file u xehed mill-memorja dwar dak li kien gara snin qabel. Hu jghid li mart Antonio Cilia ma riditx tidhol fil-kwistjoni u ma riditx tikkontradici lil zewgha. Hi pero ma kinitx qalet li l-flus ma kienux ghaddew. Fl-istess sens kienet ix-xhieda ta' Dr. Robert Abela. Kwantu ghal dak li qalu dawn ix-xhieda dwar is-sahha ta' Antonio Cilia, il-Qorti ser toqghod fuq dak li ezamina u ccertifika Dr. Chris Muscat u mhux fuq l-impressjonijiet li setghu hadu dawn ix-xhieda.

Ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li ma kien hemm ebda raguni falza li gieghlet lil Antonio Cilia jaghmel it-testment sigriet fuq imsemmi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------